MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 47/2005

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Awwissu 1993, u li minn dan iz-zwieg m' ghandhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-21 ta' Awwissu 1993 hu null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Awwissu 1993 meta allura l-attur kellu 23 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien tmien snin meta allura l-attur kien ser jaghlaq 15-il sena, u l-konvenuta 13-il sena. Wara konvivenza ta' circa disa' snin, il-partijiet isseparaw.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*
Illi fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, l-attur spjega li mill-bidunett taz-zwieg taghhom kien jidher car li l-konvenuta, allura martu, kienet turi nuqqas ta' affettivita' fil-konfront tieghu;  dan kien rifless fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom li fih il-konvenuta kienet timmanifesta element ta' bruda fil-konfront tieghu.  Jallega wkoll li martu ma riditx tfal f' dan iz-zwieg, u ghalhekk m' ghandhomx tfal.

L-attur jghid li martu kienet tippreferi l-kumpanija tas-shabha tax-xoghol, li kienu izghar minnu, milli l-kumpanija tieghu;  tant li, filwaqt li ma kinitx tilqa' t-talbiet tieghu biex johrogu flimkien, hija regolament kienet tohrog ma' shabha u anke kienet issiefer maghhom.  Jilmenta wkoll mill-fatt li martu kienet tilbes qasir u ssikkat meta kienet tmur ghax-xoghol.  Jghid li llum martu ghandha sieheb.

*Verzjoni Konvenuta*
Fid-depozizzjoni taghha, din tghid li sa minn qabel l-gherusija l-attur kien jidher li hu bniedem nervuz, egojist u

ghajjur hafna; izda hija xorta wahda kienet iddecidiet li tkompli bir-relazzjoni mieghu, ghax kienet temmnu meta kien jghidilha li kien ser jinbidel. Fil-fatt, mhux talli ma nbidlitx, izda wara z-zwieg l-affarijiet aggravaw. Kien f' dan il-kuntest li, wara snin taz-zwieg, hija ma riditx li jkollha tfal mill-attur.

Il-konvenuta tispjega li l-egojizmu ta' l-attur kien anke rifless fir-relazzjonijiet intimi bejniethom. Tghid: "Lest hu, lest kulhadd." Huwa kien insensittiv fil-konfront taghha, u wara x-xoghol kien imur dritt il-kazin fejn kien iqatta' hafna hin a skapitu taz-zmien li seta' jqatta' maghha. Inoltre, filwaqt li l-paga taghha kienet tmur ghall-bzonnijiet tal-familja, il-paga tieghu kien jinfoqha kollha fid-delizzju tieghu tal-karrozzi.

Tghid li kien l-attur li kien irrifjuta li jaghmel l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal, u dan peress li kien jibza' li jkollu tfal b' dizabilita'; inoltre, huwa kien oppona li f' kaz li jkollhom tarbija l-konvenuta tieqaf mix-xoghol ghal tlett snin, u dan, peress li l-piz finanzjarju kien allura, jikber u jaqa' kollu fuqu.

Illum l-attur ghadu relazzjoni ma' mara ohra, u ghandu tifel ta' circa tlett snin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti, wara li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Minn naha ta' l-attur il-komportament tieghu fil-konfront tal-konvenuta, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, u minn naha tal-konvenuta l-fatt li, ghalkemm konsapevoli ta' dawn in-nuqqasijiet fl-attur sa minn qabel iz-zwieg, hija ghaddset rasha u kompliet bir-relazzjoni, turi li z-zewg partijiet ma fehemux u ma gharrfux l-import tal-hajja matrimonjali; u l-Qorti thoss li l-partijiet izzewgu lil xulxin, mhux ghax verament riedu jghixu il-hajja konjugali ma' xulxin, f' komunjoni ta' hajja u mhabba, izda piuttost ghax

kienu ilhom johrogu flimkien hafna zmien, minn meta kienu ghadhom zghar hafna.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Awwissu 1993.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------